MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Rikors Numru. 885/2004

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Vivienne Limited (C 16197)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih ippremetta:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 29 ta' Jannar 1999, in atti Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius (Dok A), is-socjeta` intimata kienet ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socejta` Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta' mija u erbatax-il elf, disa' mija u disghin Lira Maltin (Lm114,990.00) oltre l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv u liema kuntratt kien gie rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Dicembru 2000 li kopja taghha giet prezentata mar-rikors u mmarkata bhala Dokument "B";

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi kien seta’ jigi ezegwit u d-debitu tas-socjeta` intimata kien ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi l-kuntratt datat 29 ta’ Jannar 1999 in atti Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius (Dok. A) fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta’ mija u sebgha u sittin elf, mitejn u hamsa u hamsin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm167,255.85) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Semghet bil-gurament lill-P.L. Joseph Zammit li ghandu r-rapprezentanza legali tal-Bank of Valleta li qali li l-bilanc ghadu kompletament u totalment dovut u li ma sar ebda pagament, anqas akkont, mid-data tal-prezentata tar-rikors.

Rat illi s-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi baqghet kontumaci u ma deher hadd ghaliha llum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lill-bank rikorrenti jezegwixxi l-kuntratt datat 29 ta’ Jannar 1999 in atti Nutar Dottor Joseph Vassasllo Agius (Dok. A) fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex jottjeni l-pagament ta’ mija u sebgha u sittin elf, mitejn u hamsa u hamsin Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm167,255.85) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 2004 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-istess socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------